MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 360/2008

**Fire Tech Limited**

**vs**

**Marven Mackay**

## Il-Qorti:-

Rat illi is-socjeta attrici pprezentat rikors fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t’Ottubru 2008 permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsaha s-somma ta’ sitt elef u disgha u erbghin euro u tmienja u erbghin euro centesmu (EUR6,049.48)) rapprezentanti kwantu ghal sitt elef wiehed u ghoxrin euro u tmienja u disghin euro centesmu (EUR 6021.98) (kopja statement Dok. A) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ servizzi rezi lilu mis-socjeta attrici u kwantu ghal sebgha u ghoxrin eruo u hamsin euro centesmu (EUR 27.50) bhala spejjez ta’ ittra legali (Kopja Dok. B).

Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-fatturi kontra l-konvenut li minn issa hu ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat bl-avviz in kwistjoni nhar l-erbgha (4) ta’ Novembru 2008 skond ir-riferti tal-Marixxal Carmen Cutajar a fol. 7.

Rat illi fis-seduta tal-hdax (11) ta’ Dicembru 2008 il-konvenut gie imsejjah diversi drabi, izda baqa ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Rat il-Kapitolu pprezentat mis-socjeta attrici seduta stante nhar il-hdax (11) ta’ Dicembru 2008.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici issib li t-talba taghha tirrisulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ sitt elef u disgha u erbghin euro u tmienja u erbghin euro centesmu (EUR6,049.48)) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------